## Uffiċju għall-Affarijiet tal-Istudent

### *32. Deskrizzjoni, Kompetenzi u Dmirijiet*

32.1. L-Uffiċju għall-Affarijiet tal-Istudent huwa ikkordinat mill-Uffiċjal għall-Affarijiet tal-Istudent, li huwa elett direttament mill-istudenti u li għandu jfassal pjan ta' ħidma relatata mal-benesseri tal-istudent u r-relazzjoni u l-ħidma tal-KSU mal-organizzazzjonijiet tal-istudenti rikonoxxuti mis-Senat tal-Università ta' Malta.

32.2. Għal dawn l-għanijiet, l-Uffiċjal għandu:

32.2.1. Taħt il-gwida tas-Segretarju Ġenerali isostni u jtejjeb ir-relazzjoni tal-KSU ma' organizzazzjonijiet rikonoxxuti mis-Senat tal-Università;

32.2.2. Jassisti organizzazzjonijiet rikonoxxuti mis-Senat tal-Università ta' Malta fil-manteniment tar-rikonoxximent mis-Senat;

32.2.3 Jassisti organizzazzjonijiet li m'humiex rikonoxxuti mis-Senat tal-Università ta' Malta fil-proċess sabiex jiksbu rikonoxximent mis-Senat jekk dawn l-istess organizzazzjonijiet għandhom għanijiet kumplimentari u kompatibbli ma dawk tal-KSU;

32.2.4 Jassisti organizzazzjonijiet rikonoxxuti mis-Senat tal-Università ta' Malta fil-manteniment tar-rikonoxximent mil-Kummissarju tal-Għaqdiet Volontarji;

32.2.5. Jassisti organizzazzjonijiet rikonoxxuti mis-Senat tal-Università ta' Malta fil-proċess sabiex jiksbu rikonoxximent mil-Kummissarju tal-Għaqdiet Volontarji;

32.2.6 Jorganizza sessjonijiet ta' taħriġ għal organizzazzjonijiet rikonoxxuti mis-Senat tal-Università ta' Malta sabiex itejbu l-kwalità tas-servizz tagħhom;

32.2.7. Joħloq kampanji ta' għarfien u proġetti relatati mal-benesseri tal-istudent;

32.2.8. Jara li l-KSU huwa attrezzat adegwatament biex joffri servizzi relevanti, skond id-direzzjoni tal-Eżekuttiv;

32.2.9 Iżomm ruħu aġġornat mas-servizzi mhux akkademiċi offruti mill-Università' u jkun pont bejn il-Kunsill u dawn is-servizzi u b'hekk jiggwida lill-membri tal-KSU għalihom

32.2.10 Iżomm kuntatt kontinwu mal-uffiċjali mill-Università ta' Malta responsabbli mis-servizzi deskritti f'32.2.7.

### *33. Formazzjoni tal-Uffiċju tal-Affarijiet tal-Istudent*

33.1. L-Uffiċjal huwa elett direttament mill-istudenti u għandu d-dmir li jidentifika numru ta' persuni biex jiffurmaw kumitati għal kull attivita' li taqa' taħt dan l-uffiċju. Dawn il-kumitati jservu għat-twettiq tal-kompetenzi u d-dmirijiet kif elenkati f'dan l-iStatut.